SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

3 ta' Ġunju 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas bejn l-ETUC, l-UNICE u ċ-CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat – Klawżola 5 – Kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat – Abbuż – Miżuri għal prevenzjoni – Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat fis-settur pubbliku – Riċerkaturi universitarji"

Fil-Kawża C-326/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali għal-Lazio, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' April 2019, fil-proċedura

EB

vs

Presidenza del Consiglio dei Ministri,

Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca – MIUR,

Università degli Studi "Roma Tre",

fil-preżenza ta':

Federazione Lavoratori della Conoscenza - CGIL (FLC-CGIL),

Confederazione Generale Italiana del Lavoro (CGIL),

Anief - Associazione Professionale e Sindacale,

Confederazione Generale Sindacale,

Cipur - Coordinamento Intersedi Professori Universitari di Ruolo,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

komposta minn A. Kumin (Relatur), President tal-Awla, T. Von Danwitz u P. G. Xuereb, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal EB, minn F. Dinelli u G. Grüner, avvocati,

– għall-Università degli Studi "Roma Tre", minn L. Torchia, avvocata,

– għall-Confederazione Generale Italiana del Lavoro (CGIL) u għall-Federazione Lavoratori della Conoscenza – CGIL (FLC-CGIL), minn F. Americo, I. Barsanti Mauceri u A. Andreoni, avvocati,

– għall-Anief - Associazione Professionale e Sindacale, minn S. Galleano, V. De Michele u W. Miceli, avvocati,

– għall-Confederazione Generale Sindacale, minn T. M. De Grandis u V. De Michele, avvocati,

– għaċ-Cipur - Coordinamento Intersedi Professori Universitari di Ruolo, minn M. E. Albé, avvocata,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn C. Colelli u L. Fiandaca, avvocatesse dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Gattinara u M. Van Beek, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim qafas"), li jinsab anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn EB, riċerkatur universitarju, u l-Presidenza del Consiglio dei Ministri (il-President tal-Kunsill tal-Ministri, l-Italja), il-Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca (il-Ministeru tal-Edukazzjoni, tal-Edukazzjoni Għola u tar-Riċerka, l-Italja) u l-Università degli Studi "Roma Tre" (iktar 'il quddiem l-"Università") dwar ir-rifjut

tal-estensjoni tal-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat tiegħu lil hinn mill-perijodu previst mil-liġi u b'hekk tal-bdil tiegħu f'kuntratt indefinit jew id-dħul għal evalwazzjoni għall-finijiet tal-inklużjoni tiegħu fil-lista ta' professuri assoċjati.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessa 14 tad-Direttiva 1999/70 hija redatta hekk:

"[i]l-partijiet firmatarji xtaqu jikkonkludu Ftehim qafas fuq xogħol għal terminu fiss li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet minimi għal kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat u relazzjonijiet ta' impjieg; huma wrew ix-xewqa tagħhom li jtejbu il-kwalità ta' xogħol ta' terminu fiss billi jiżguraw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni, u xtaqu li jistabbilixxu qafas għall-prevenzjoni ta' abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti ta' impjieg jew relazzjonijiet ta' terminu fiss suċċessivi".

4 It-tieni paragrafu tal-preambolu għall-Ftehim qafas jistipula li l-partijiet f'dan il-Ftehim "jirrikonoxxu li l-kuntratti għal żmien indefinit huma, u jibqgħu ikunu, il-forma ġenerali ta' relazzjoni ta' impjieg bejn min jimpjega u l-ħaddiema. Huma jirrikonoxxu wkoll li l-kuntratti ta' impjieg għal żmien fiss jirrispondu, f'ċerti sitwazzjonijiet, għall-ħtiġiet ta' kemm min jimpjega u l-ħaddiema".

5 Skont il-klawżola 1 tal-Ftehim qafas:

"L-iskop [tiegħu] hu:

a) li titjieb il-kwalita' ta' xogħol għal terminu fiss billi tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni;

b) li jistabbilixxi qafas biex jipprevjeni l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' l-impjieg għal terminu fiss.[żmien determinat]."

6 Il-klawżola 3 tal-Ftehim qafas, intitolata "Definizzjonijiet", tipprevedi:

1. "Għall-iskop ta' dan il-ftehim, il-kliem:

[…] 'ħaddiem għal terminu fiss' ifisru persuna li jkollha kuntratt jew relazzjoni ta' l-impjieg dirett bejn min jimpjiega u ħaddiem meta l-aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg hu ddeterminat b'kondizzjonijiet oġġettivi bħal li jilħaq data speċifika, ilesti xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta' każ speċifiku;

[…]"

7 Il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, intitolata "Il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni", fil-paragrafu 1 tagħha tipprovdi:

"Fejn għandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, ħaddiema għal terminu fiss m'għandhomx jiġu trattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiem kumparabbli permanenti biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva."

8 Il-klawżola 5 tal-imsemmi Ftehim qafas, intitolata "Miżuri għal prevenzjoni ta' l-abbuż", tipprovdi:

"1. Sabiex jiġi ipprevenut l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss, wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika, u/jew l-imsieħba soċjali, għandhom, meta ma hemm ebda miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż, jintroduċu b'mod li jieħu kont tal-ħtiġiet tas-setturi u/jew kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema, waħda jew iktar mill-miżuri li ġejjin:
   a) raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet;
   b) iż-żmien massimu totali ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss;
   (ċ) in-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet.

2. L-Istati Membri wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali u/jew l-imsieħba soċjali għandhom, meta approprjat, jiddeterminaw taħt liema kondizzjonijiet il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet ta' impjieg għal terminu fiss:
   a) għandhom jitqiesu bħala 'suċċessivi';
   b) għandhom jitqiesu bħala kuntratti jew relazzjonijiet għal żmien indefinit."

9 Il-klawżola 8 tal-istess Ftehim qafas, bit-titolu "Dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni", tistabbilixxi:

"1. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet iktar favorevoli għal ħaddiema milli kif stabbilit f'dan il-ftehim.

[…]"

Id-dritt Taljan

10 L-Artikolu 24 tal-legge nº 240 – Norme in materia di organizzazione delle università, di personale accademico e reclutamento, nonché delega al Governo per incentivare la qualità e l'efficienza del sistema universitario (il-Liġi Nru 240 li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet dwar l-Organizzazzjoni tal-Universitajiet, il-Persunal Akkademiku u r-Reklutaġġ, kif ukoll is-Setgħa mogħtija lill-Gvern sabiex Jinkoraġġixxi l-Kwalità u l-Effikaċja tas-Sistema Universitarja), tat-30 ta' Diċembru 2010 (is-Suppliment Ordinarju tal-GURI Nru 10, tal-14 ta' Jannar 2011, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 240/2010"), intitolat "Riċerkaturi għal żmien determinat", jipprevedi:

"1. Skont ir-riżorsi disponibbli taħt l-ippjanar, l-universitajiet jistgħu, għall-attivitajiet tagħhom ta' riċerka, ta' tagħlim, ta' tagħlim supplimentari u ta' servizzi lill-istudenti, jikkonkludu kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat. Il-kuntratt jiddefinixxi, abbażi tar-regolamenti tal-università, il-modalitajiet ta' eżerċizzju tal-attivitajiet ta' tagħlim, ta' tagħlim supplimentari u ta' servizzi għall-istudenti kif ukoll attivitajiet ta' riċerka.

2. Id-destinatarji jintgħażlu permezz ta' proċeduri pubbliċi ta' selezzjoni organizzati mill-universitajiet permezz ta' regolament fis-sens tal-Liġi Nru 168, tad-9 ta' Mejju 1989, b'osservanza tal-prinċipji stabbiliti mill-Karta Ewropea tar-riċerkatur annessa mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2005 (2005/251/KE) […]

3. Il-kuntratti għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:

a) kuntratti ta' tul ta' tliet snin, li jiġġeddu darba waħda biss għal perijodu ta' sentejn, wara evalwazzjoni pożittiva tal-attivitajiet ta' tagħlim u ta' riċerka mwettqa, abbażi ta' modalitajiet, kriterji u parametri ddefiniti permezz ta' digriet ministerjali; dawn il-kuntratti jistgħu jiġu konklużi wkoll mal-istess persuna fi stabbilimenti distinti;

b) kuntratti ta' tul ta' tliet snin, irriżervati għall-kandidati li bbenefikaw mill-kuntratti msemmija taħt a), jew li kisbu l-awtorizzazzjoni xjentifika nazzjonali għall-funzjonijiet ta' professuri tal-ewwel u tat-tieni klassi msemmija fl-Artikolu 16 ta' din il-liġi, jew fil-pussess tat-titolu ta' speċjalizzazzjoni medika jew li, matul mill-inqas tliet snin anki mhux konsekuttivi, ibbenefikaw minn sussidji għar-riċerka fis-sens tal-Artikolu 51(6) tal-Liġi Nru 449 tas-27 ta' Diċembru 1997, minn sussidji ta' riċerka msemmija fl-Artikolu 22 ta' din il-Liġi jew boroż ta' studju postdottorali msemmija fl-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 398 tat-30 ta' Novembru 1989, jew kuntratti simili, għotjiet jew boroż ta' studju f'universitajiet barranin.

[…]

5. Fl-ambitu tar-riżorsi disponibbli għall-ippjanar, matul it-tielet sena tal-kuntratt imsemmi fil-paragrafu 3(b), l-università tevalwa d-detentur tal-kuntratt li jkun kiseb l-awtorizzazzjoni xjentifika msemmija fl-Artikolu 16 bil-għan li jiġi inkluż fil-lista tal-professuri assoċjati msemmija fl-Artikolu 18(1)(e). Fil-każ ta' evalwazzjoni pożittiva, fi tmiem il-kuntratt, id-detentur ta' dan il-kuntratt għandu jitniżżel fil-lista tal-professuri assoċjati. L-evalwazzjoni għandha ssir skont l-istandards ta' kwalità rikonoxxuti fuq livell internazzjonali, iddefiniti mir-regolament tal-università fil-kuntest tal-kriterji stabbiliti mid-Digriet tal-Ministru. L-ippjanar imsemmi fl-Artikolu 18(2) għandu jiżgura d-disponibbiltà tar-riżorsi neċessarji f'każ ta' evalwazzjoni pożittiva. Il-proċedura hija ppubblikata fis-sit tal-università.

[…]"

11 L-Artikolu 20 tad-decreto legislativo n° 75 – Modifiche e integrazioni al decreto legislativo 30 marzo 2001, n. 165, ai sensi degli articoli 16, commi 1, lettera a), e 2, lettere b), c), d) ed e) e 17, comma 1, lettere a), c), e), f), g), h), l) m), n), o), q), r), s) e z), della legge 7 agosto 2015, n. 124, in materia di riorganizzazione delle amministrazioni pubbliche (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 75 li Jistabbilixxi Emendi u Supplimenti għad-Digriet Leġislattiv Nru 165 tat-30 ta' Marzu 2001, skont l-Artikolu 16(1)(a), u (2), (b), (c), (d) u (e), u fl-Artikolu 17(1)(a), c), e), f), g), h), l), m), n), o), q), r), s) u z), tal-Liġi Nru 124 tas-7 ta' Awwissu 2015 dwar ir-Riorganizzazzjoni tal-Amministrazzjonijiet Pubbliċi), tal-25 ta' Mejju 2017 (GURI Nru 130, tas-7 ta' Ġunju 2017), intitolat "Ġlieda kontra l-Prekarjetà tax-Xogħol fl-Amministrazzjonijiet Pubbliċi" (minn hawn 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 75/2017"), jipprovdi:

"1. Sabiex tiġi miġġielda l-prekarjetà tal-impjieg, sabiex jitnaqqas l-użu ta' kuntratti għal żmien limitat u sabiex jiġu evalwati l-kompetenzi professjonali miksuba mill-persunal b'kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat, l-amministrazzjonijiet jistgħu, matul is-snin 2018 sa 2020, b'mod

konsistenti mal-pjan triennali tal-bżonnijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2) u billi jindikaw il-kopertura finanzjarja, jirreklutaw għal żmien indeterminat persunal mhux maniġerjali li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

a) ikunu fis-servizz wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi Nru 124 tal-2015 b'kuntratti għal żmien determinat mal-amministrazzjoni li għandha twettaq ir-reklutaġġ jew, fil-każ ta' amministrazzjonijiet komunali li jeżerċitaw funzjonijiet taħt forma assoċjata, ukoll mal-amministrazzjonijiet li s-servizzi tagħhom huma assoċjati;

b) ikunu ġew reklutati għal żmien determinat, fir-rigward tal-istess attivitajiet imwettqa, permezz ta' proċeduri ta' kompetizzjoni mwettqa, anki ma' amministrazzjonijiet pubbliċi differenti minn dawk li jwettqu r-reklutaġġ;

c) ikunu ħadmu, fil-31 ta' Diċembru 2017, fis-servizz tal-amministrazzjoni msemmija fis-subparagrafu (a) li għandha twettaq ir-reklutaġġ, tal-inqas tliet snin ta' servizz, anki jekk mhux konsekuttivi, matul l-aħħar tmien snin.

2. Matul l-istess snin 2018 sa 2020, l-amministrazzjonijiet jistgħu jorganizzaw, b'koerenza mal-pjan triennali tal-bżonnijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2), u bla ħsara għall-garanzija ta' aċċess adegwat minn barra, wara indikazzjoni tal-kopertura finanzjarja, proċeduri ta' kompetizzjoni rriżervati, sa massimu ta' 50 fil-mija tal-pożizzjonijiet disponibbli għall-persunal mhux maniġerjali li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

a) ikunu fil-pussess, wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi Nru 124 tal-2015, kuntratt ta' xogħol flessibbli mal-amministrazzjoni li torganizza l-kompetizzjoni;

b) ikunu kkompletaw, fil-31 ta' Diċembru 2017, mill-inqas tliet snin ta' kuntratt, anki jekk mhux konsekuttivi, matul l-aħħar tmien snin fis-servizz tal-amministrazzjoni li torganizza l-kompetizzjoni.

[…]

8. L-amministrazzjonijiet jistgħu jestendu r-relazzjonijiet ta' xogħol flessibbli mal-persuni li jipparteċipaw fil-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 sakemm dawn jitlestew, fil-limiti tar-riżorsi disponibbli fis-sens tal-Artikolu 9(28) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 78, tal-31 ta' Mejju 2010, ikkonvertit b'emendi bil-Liġi Nru 122 tat-30 ta' Lulju 2010.

9. Dan l-artikolu ma japplikax għar-reklutaġġ ta' għalliema u persunal amministrattiv, tekniku u awżiljarju (ATA) tal-iskejjel u tal-edukazzjoni tal-Istat. […] Dan l-artikolu lanqas ma japplika għall-kuntratti ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' persunal lil amministrazzjonijiet pubbliċi."

12 L-Artikolu 5(4)(a) tad-decreto legislativo nº 368 – Attuazione della direttiva 1999/70/CE relativa all'accordo quadro sul lavoro a tempo determinato concluso dall'UNICE, dal CEEP e dal CES (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 368, li jirrigwarda t-Traspożizzjoni tad-Direttiva 1999/70/KE dwar il-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP), tas-

6 ta' Settembru 2001 (GURI Nru 235, tad-9 ta' Ottubru 2001) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001"), li ttraspona d-Direttiva 1999/70 fl-ordinament ġuridiku Taljan, kien jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għas-sistema tal-kuntratti suċċessivi kif prevista fil-paragrafi preċedenti, meta, b'riżultat ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet ekwivalenti, ir-relazzjoni ta' xogħol bejn l-istess persuna li timpjega u l-istess impjegat taqbeż, globalment, il-perijodu ta' sitta u tletin xahar, inklużi l-prorogi u t-tiġdid, indipendentement mill-perijodi ta' interruzzjoni bejn il-kuntratti, ir-relazzjoni ta' xogħol titqies bħala li hija ta' żmien indeterminat skont il-paragrafu 2 […]".

13 Din id-dispożizzjoni ġiet riprodotta, essenzjalment, u nżammet fis-seħħ permezz tal-Artikolu 19 tad-decreto legislativo nº 81 – Disciplina organica dei contratti di lavoro e revisione della normativa in tema di mansioni, a norma dell'articolo 1, comma 7, della legge 10 dicembre 2014, n. 183 (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 81 fuq ir-Regolament Sistematiku tal-Kuntratti ta' Xogħol u Reviżjoni tal-Leġiżlazzjoni dwar l-Obbligi Professjonali, skont l-Artikolu 1(7) tal-Liġi Nru 183 tal-10 ta' Diċembru 2014), tal-15 ta' Ġunju 2015 (is-Suppliment Ordinarju għall-GURI Nru 144, tal-24 ta' Ġunju 2015, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 81/2015"), intitolat "Iffissar tat-terminu u tul massimu", fis-seħħ mill-25 ta' Ġunju 2015. Skont din id-dispożizzjoni, ladarba jiskadi l-limitu ta' 36 xahar, kemm jekk ikun kuntratt uniku jew kuntratti suċċessivi konklużi għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet tal-istess livell u tal-istess status legali, "il-kuntratt għandu jiġi ttrasformat f'kuntratt għal żmien indeterminat b'effett mid-data ta' din l-iskadenza".

14 Madankollu, skont l-Artikolu 10(4)a tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001, l-Artikolu 5(4)(a) ta' dan id-Digriet Leġiżlattiv ma japplikax f'ċerti każijiet. Il-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqa' taħt dawn il-każijiet, skont l-Artikolu 29(2)(d) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 81/2015, peress li din id-dispożizzjoni tipprevedi espressament, fost l-esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(4)(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001, il-kuntratti għal żmien determinat konklużi skont il-Liġi Nru 240/2010.

15 Barra minn hekk, l-Artikolu 29(4) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 81/2015 jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36 tad-decreto legislativo nº 165 – Norme generali sull'ordinamento del lavoro alle dipendenze delle amministrazioni pubbliche (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 165 li jirrigwarda r-Regoli Ġenerali dwar l-Organizzazzjoni tax-Xogħol fl-Amministrazzjonijiet Pubbliċi), tat-30 ta' Marzu 2001 (is-Suppliment Ordinarju għall-GURI Nru 106, tad-9 ta' Mejju 2001, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001") jibqgħu l-istess.

16 L-Artikolu 36 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001, kif emendat bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 75/2017, intitolat "Persunal b'kuntratt għal żmien determinat jew impjegat fil-kuntest ta' relazzjonijiet ta' xogħol flessibbli", jipprevedi:

"1. Għar-rekwiżiti marbutin mal-bżonnijiet ordinarji tagħhom, l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom jirreklutaw esklużivament permezz ta' kuntratti ta' impjieg għal żmien indeterminat […].

[…]

5. Fi kwalunkwe każ, il-ksur ta' dispożizzjonijiet imperattivi fil-qasam tar-reklutaġġ jew tal-impjieg ta' ħaddiema mill-amministrazzjonijiet pubbliċi ma jistax iwassal għall-istabbiliment ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat ma' dawn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, bla

ħsara għar-responsabbiltà u għas-sanzjonijiet li dawn jistgħu jinkorru. Il-ħaddiem ikkonċernat għandu dritt għall-kumpens għad-dannu li jirriżulta mix-xogħol imwettaq bi ksur ta' dispożizzjonijiet imperattivi […].

[…]

5 c. Il-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat stabbiliti bi ksur ta' dan l-artikolu huma nulli u jiddeterminaw ir-responsabbiltà tal-amministrazzjoni. Id-diriġenti li jaġixxu bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma wkoll responsabbli, fis-sens tal-Artikolu 21. Ebda bonus […] ta' prestazzjoni ma għandu jingħata lil diriġenti responsabbli minn irregolaritajiet fl-użu tax-xogħol flessibbli".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17 Fl-1 ta' Diċembru 2012, EB kien impjegat mill-Università bħala riċerkatur għal perijodu ta' tliet snin abbażi ta' kuntratt konkluż skont l-Artikolu 24(3)(a) tal-Liġi Nru 240/2010 (iktar 'il quddiem il-"kuntratt tat-tip A"). Kuntratt bħal dan jista' jiġi estiż darba biss għal massimu ta' sentejn.

18 Fix-xahar ta' Ottubru 2014, EB kiseb l-awtorizzazzjoni xjentifika nazzjonali għall-funzjoni ta' professur universitarju tat-tieni klassi, fis-sens tal-Artikolu 16 ta' din il-liġi, awtorizzazzjoni li tikkonferma li d-detentur tagħha għandu l-kwalifiki xjentifiċi neċessarji sabiex jipparteċipa f'ċerti kompetizzjonijiet universitarji.

19 Huwa paċifiku li, meta EB kien għadu fis-servizz, l-Università, skont l-Artikolu 24(6) tal-Liġi Nru 240/2010, li tippermetti, matul perijodu ta' tmien snin mid-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, li tinkludi fil-lista ta' professuri tat-tieni klassi riċerkaturi impjegati abbażi ta' kuntratt għal żmien indeterminat, li jaħdmu fi ħdan l-università u li kisbu l-awtorizzazzjoni xjentifika nazzjonali, nediet tali proċedura ta' inklużjoni li minnha bbenefikaw żewġ riċerkaturi fl-istess materja bħal EB impjegati skont tali kuntratt. Madankollu, EB ma kellux id-dritt li jipparteċipa f'din il-proċedura minħabba li kien irreklutat fil-kuntest ta' kuntratt għal żmien determinat minkejja li kellu l-awtorizzazzjoni xjentifika.

20 Sitt xhur qabel it-tmiem tal-kuntratt tiegħu stabbilit għall-1 ta' Diċembru 2015, EB talab l-estensjoni tal-kuntratt tiegħu, li ġie estiż, fl-24 ta' Novembru 2015, b'effett mill-1 ta' Diċembru 2015 għal perijodu ta' sentejn.

21 Fit-8 ta' Novembru 2017, qabel l-iskadenza tal-kuntratt estiż tiegħu, EB talab il-proroga tal-kuntratt tiegħu skont l-Artikolu 20(8) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 75/2017 sabiex jikseb it-trasformazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu għal żmien determinat f'kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat. Huwa sostna, f'dan ir-rigward, li din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-persunal li jgħallem fl-universitajiet. Barra minn hekk, EB talab l-implimentazzjoni, mis-sena 2018, tal-proċedura ta' stabbilizzazzjoni tal-impjieg prevista fl-Artikolu 20(1) ta' dan id-Digriet Leġiżlattiv.

22 Permezz ta' nota tal-21 ta' Novembru 2017, l-Università ċaħdet it-talbiet ta' EB billi sostniet, minn naħa, li l-Artikolu 20(8) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 75/2017 ma kienx japplika għar-riċerkaturi universitarji rreklutati skont kuntratt għal żmien determinat, u, min-naħa l-oħra, li l-Artikolu 29 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 81/2015 ma kienx jippermetti l-użu ta' proċedura prevista għar-reklutaġġ ta' riċerkaturi fil-kuntest ta' kuntratt għal żmien indeterminat.

23 EB ippreżenta rikors quddiem il-qorti tar-rinviju mhux biss kontra din id-deċiżjoni, iżda talab ukoll l-annullament taċ-ċirkolari Nru 3/2017 adottata mill-Ministro per la semplificazione e la pubblica amministrazione (il-Ministru għas-Simplifikazzjoni u l-Amministrazzjoni Pubblika) li jgħid li d-Digriet Leġiżlattiv Nru 75/2017 ma kienx japplika għar-riċerkaturi rreklutati fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat. Barra minn hekk, huwa talab li jiġi rrikonoxxut lilu d-dritt li jiġi rreklutat għal żmien indeterminat jew li jiġi ammess għall-proċedura ta' evalwazzjoni sabiex jiġi rreklutat bħala professur assoċjat skont l-Artikolu 24(5) tal-Liġi Nru 240/2010.

24 Insostenn tar-rikors tiegħu, EB isostni, b'mod partikolari, li l-Artikolu 20 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 75/2017 għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika wkoll għar-relazzjonijiet ta' xogħol koperti mid-dritt pubbliku u, għaldaqstant, għar-relazzjoni ta' xogħol ta' riċerkatur tat-tip A, peress li l-Ftehim qafas jipprekludi interpretazzjoni differenti, bħal dik imposta miċ-ċirkulari Nru 3/2017.

25 EB isostni, barra minn hekk, li l-esklużjoni tal-kuntratt tiegħu mir-regola li tipprevedi l-konverżjoni awtomatika ta' kuntratt għal żmien determinat estiż b'iktar minn 36 xahar f'kuntratt għal żmien indeterminat – esklużjoni stabbilita fl-Artikolu 29(2)(d) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 81/2015 – hija inkompatibbli mal-Ftehim qafas, sa fejn ma jeżistux raġunijiet oġġettivi ta' natura li jiġġustifikaw li riċerkatur jista' jiġi impjegat għal żmien determinat, b'mod partikolari fil-każ fejn dan l-impjieg jiġi estiż għal perijodu ta' iktar minn tliet snin, bħalma kien preċiżament il-każ tar-rikorrent fil-kawża prinċipali.

26 EB jargumenta wkoll li, billi ma jippermettix lil riċerkaturi rreklutati fil-kuntest ta' kuntratt għal żmien determinat, li, bħalu stess, kisbu l-kwalifiki universitarji meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jinħatru bħala "professuri assoċjati", li jiġu suġġetti għal evalwazzjoni għall-finijiet tal-ħatra tagħhom f'pożizzjoni ta' professur assoċjat, l-Artikolu 24(3) tal-Liġi Nru 240/2010 imur kontra l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fil-klawżola 4 tal-Ftehim qafas.

27 Fl-aħħar nett, EB jinvoka l-prinċipju ta' ekwivalenza, li permezz tiegħu, fl-assenza ta' regola nazzjonali iktar favorevoli għall-kategorija ta' riċerkaturi li għaliha jappartjeni, ikun hemm lok li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet dwar is-settur privat – bħal dawk li jipprevedu l-konverżjoni awtomatika tal-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat estiż b'iktar minn 36 xahar f'kuntratt għal żmien indeterminat – kif ukoll id-dispożizzjonijiet applikabbli għal kategoriji ta' ħaddiema għal terminu fiss fis-settur pubbliku li, bħall-għalliema tal-iskola, jistgħu jibbenefikaw minn xi forma ta' stabbilizzazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg tagħhom permezz ta' proċeduri xierqa, skont l-Artikolu 20 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 75/2017.

28 L-Università, min-naħa tagħha, tenfasizza li l-Artikolu 20 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 75/2017 ma japplikax għar-riċerkaturi universitarji, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001. Hija ssostni, f'dan ir-rigward, li din id-dispożizzjoni ma tagħtix lok għal diskriminazzjoni meta mqabbla mar-riċerkaturi l-oħra li ma jaqgħux fil-kategorija tal-persunal impjegat fis-settur pubbliku.

29 L-Università tfakkar, barra minn hekk, li d-differenza fit-trattament bejn il-kategoriji msemmija fl-Artikolu 24(3)(a) u (b) tal-Liġi Nru 240/2010 hija ġġustifikata, fid-dawl tal-fatt li r-riċerkaturi kkonċernati minn din id-dispożizzjoni taħt (b) għandhom esperjenza ikbar.

30 Il-qorti tar-rinviju tqis li, fir-rigward tar-riċerkaturi rreklutati fil-kuntest ta' kuntratt tat-tip A msemmi fl-Artikolu 24(1) u (3)(a) tal-Liġi Nru 240/2010, l-użu ta' tali kuntratti għal żmien determinat jista' jkun abbużiv u tistaqsi dwar il-kompatibbiltà mal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas tal-esklużjoni – li tirriżulta mill-Artikolu 29(2)(d) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 81/2015 –

tal-possibbiltà li kuntratt bħal dak konkluż bejn EB u l-Università jiġi kkonvertit f'kuntratt għal żmien indeterminat. Hija tirreferi, f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, għas-sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Martínez Andrés u Castrejana López (C-184/15 u C-197/15, EU:C:2016:680), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li l-projbizzjoni tat-trasformazzjoni ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratt għal żmien indeterminat hija konformi mal-Ftehim qafas biss jekk ikun possibbli li jsir użu minn miżura oħra effettiva sabiex jiġi ssanzjonat adegwatament l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi.

31 Skont il-qorti tar-rinviju, ma teżistix tali miżura alternattiva, peress li l-kumpens għad-dannu li r-rikorrent fil-kawża prinċipali jista' jikseb huwa limitat għall-ħlas ta' somma f'daqqa li ma hijiex proporzjonata mal-portata reali tad-dannu subit. F'dawn iċ-ċirkustanzi, EB kien jinsab f'sitwazzjoni fejn l-ordinament ġuridiku intern ma jipprevedi ebda forma ta' sanzjoni għall-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat, bħalma kien il-każ fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2018, Sciotto (C-331/17, EU:C:2018:859).

32 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kompatibbiltà tal-Artikolu 24(1) u (3)(a) tal-Liġi Nru 240/2010 mal-Ftehim qafas, sa fejn din id-dispożizzjoni tillimita t-tul tal-kuntratti tar-riċerkaturi għal tliet snin, b'estensjoni eventwali ta' sentejn, u b'hekk tippermetti l-użu mingħajr distinzjoni tal-kuntratt għal żmien determinat, filwaqt li t-tiġdid ta' tali kuntratt għandu jkun iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi.

33 Huwa taħt dawn iċ-ċirkustanzi li t-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali għal-Lazio, l-Italja) issospendiet il-proċeduri u ressqet id-domandi segwenti għal deċiżjoni preliminari:

"1) Minkejja li ma jeżistix obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jipprevedu l-konverżjoni ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratt għal żmien indeterminat, il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas imsemmi fid-Direttiva 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 "dwar il-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP" […], intitolata "Miżuri għal prevenzjoni ta' l-abbuż", anki fid-dawl tal-prinċipju ta' ekwivalenza, tipprekludi li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħalma hija dik fl-Artikolu 29(II)(d) u (IV) tad-Digriet Leġiżlattiv tal-15 ta' Ġunju 2015 Nru 81 u l-Artikolu 3(II) u (V) tad-Digriet Leġiżlattiv tat-30 ta' Marzu 2001 Nru 165, ma tippermettix li riċerkaturi universitarji impjegati b'kuntratt għal żmien determinat għal perijodu ta' tliet snin, li jista' jiġi estiż b'sentejn, skont l-Artikolu 24(III)(a) tal-Liġi Nru 240 tal-2010, suċċessivament jitqiegħdu taħt relazzjoni kuntrattwali għal żmien indeterminat?

2) Minkejja li ma jeżistix obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jipprevedu l-konverżjoni ta' kuntratt ta' impjieg għal żmien determinat f'kuntratt għal żmien indeterminat, il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas imsemmi fid-Direttiva 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim qafas […], intitolata "Miżuri għal prevenzjoni ta' l-abbuż", anki fid-dawl tal-prinċipju ta' ekwivalenza, tipprekludi li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħalma hija dik fl-Artikolu 29(II)(d) u (IV) tad-Digriet Leġiżlattiv tal-15 ta' Ġunju 2015 Nru 81 u l-Artikolu 3(II) u (V) tad-Digriet Leġiżlattiv tat-30 ta' Marzu 2001 Nru 165, tiġi applikata mill-qrati nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat b'tali mod li d-dritt għaż-żamma tar-relazzjoni ta' xogħol jingħata lill-persuni impjegati mill-amministrazzjoni pubblika permezz ta' kuntratt tax-xogħol flessibbli suġġett għar-regoli tad-dritt industrijali li jaqgħu taħt id-dritt privat, iżda li ma huwiex irrikonoxxut, b'mod ġenerali, lill-persunal impjegat taħt kuntratt għal żmien

determinat minn tali amministrazzjoni taħt id-dritt pubbliku, ġaladarba ma hemmx (b'riżultat tad-dispożizzjonijiet nazzjonali ċċitati iktar 'il fuq) miżura oħra effikaċi fl-ordinament ġuridiku nazzjonali sabiex jiġu ssanzjonati tal-abbużi fil-konfront tal-ħaddiema?

3) Minkejja li ma jeżistix obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jipprevedu l-konverżjoni ta' kuntratt ta' impjieg għal żmien determinat f'kuntratt għal żmien indeterminat, il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas imsemmi fid-Direttiva 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim qafas […], intitolata "Miżuri għal prevenzjoni ta' l-abbuż", anki fid-dawl tal-prinċipju ta' ekwivalenza, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħalma hija dik fl-ewwel u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 24 tal-Liġi tat-30 ta' Diċembru 2010 Nru 240, li tipprevedi l-konklużjoni u l-estensjoni, għal perijodu totali ta' ħames snin (tliet snin b'estensjoni eventwali ta' sentejn), ta' kuntratti għal żmien determinat bejn riċerkaturi u Universitajiet, suġġett għad-dispożizzjoni li dan isir "[f]l-ambitu tar-riżorsi disponibbli għall-ippjanar, bil-għan li titwettaq attività ta' riċerka, ta' tagħlim, ta' tagħlim mhux kurrikulari u ta' servizz lill-istudenti", kif ukoll billi l-estensjoni tkun suġġetta għall-"evalwazzjoni pożittiva tal-attivitajiet ta' tagħlim u ta' riċerka mwettqa", mingħajr ma jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi u trasparenti bil-għan li jiġi vverifikat jekk il-konklużjoni u t-tiġdid ta' dawn il-kuntratti effettivament jissodisfawx bżonn reali, jekk dawn ikunux xierqa sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u jekk ikunux neċessarji għal dan il-fini, u għalhekk jekk dawn jikkomportawx riskju konkret li jiġi ddeterminat użu abbużiv ta' dawn it-tip ta' kuntratti, b'tali mod li ma jirriżultawx li huma kompatibbli mal-għan u l-effett utli tal-Ftehim qafas?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

34 L-Università ssostni li d-domandi preliminari huma manifestament inammissibbli. Minn naħa, dawn huma purament ipotetiċi u manifestament irrilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali, peress li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-qorti tar-rinviju ma għandha ebda dubju dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Min-naħa l-oħra, dik il-qorti ma esponietx ir-raġunijiet li wassluha sabiex tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li mhux biss imur kontra l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'tali mod li dawn id-domandi għandhom jitqiesu, ukoll f'dan ir-rigward, li huma inammissibbli, iżda jiksru wkoll id-drittijiet tad-difiża tal-Università.

35 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija l-qorti nazzjonali biss, li tkun tressqet il-kawża quddiemha u li għandha tkun responsabbli mid-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li għandha tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, meta d-domandi magħmula jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni (sentenza tal-25 ta' Novembru 2020, Sociálna poisťovňa, C-799/19, EU:C:2020:960, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Dawn id-domandi magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali ddefinit minnha u taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex meħtieġa tivverifika l-eżattezza, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut mill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar talba mressqa minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod

manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni jew l-eżami tal-validità tiegħu ma jkollha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, jew meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tagħti risposta utli għad-domandi li jkunu sarulha kif ukoll sabiex tifhem ir-raġunijiet għalfejn il-qorti nazzjonali tqis li għandha bżonn risposti għal dawn id-domandi sabiex tiddeċiedi t-tilwima pendenti quddiemha (sentenza tat-2 ta' Frar 2021, Consob, C-481/19, EU:C:2021:84, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li t-talba għal deċiżjoni preliminari tissodisfa l-kriterji preskritti fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura. Fil-fatt, din it-talba tipprovdi l-preċiżazzjonijiet neċessarji f'dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti u s-suġġett tal-kawża prinċipali. Hija tirreferi wkoll għall-kontenut tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li, skont il-qorti tar-rinviju, jistgħu jkunu applikabbli għall-kawża prinċipali. Il-qorti tar-rinviju tindika wkoll, minn naħa, ir-raġunijiet li wassluha sabiex tistaqsi dwar l-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, ir-rabta li hija tistabbilixxi bejnha u l-leġiżlazzjoni nazzjonali eventwalment applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali. Din l-informazzjoni tat ukoll lill-Gvern Taljan kif ukoll lill-partijiet interessati l-oħra l-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tagħna, kif juru, b'mod partikolari, l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Università.

38 Min-naħa l-oħra, minn din l-informazzjoni jirriżulta li l-qorti tar-rinviju wriet ir-relazzjoni li teżisti bejn l-interpretazzjoni mitluba tal-Ftehim qafas u r-realtà u s-suġġett tal-kawża prinċipali. Barra minn hekk, fid-dawl tal-imsemmija informazzjoni, għandu jiġi kkunsidrat li d-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja ma humiex ta' natura ipotetika u li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għal dawn id-domandi.

39 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-domandi magħmula huma ammissibbli.

Fuq il-mertu

40 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, permezz tal-ewwel żewġ domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju, essenzjalment, tixtieq tkun taf jekk l-assenza ta' miżuri intiżi li jissanzjonaw l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hijiex kompatibbli mal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas. It-tielet domanda tikkonċerna, min-naħa tagħha, il-punt dwar jekk din id-dispożizzjoni tipprekludix l-użu ta' tali kuntratti għal żmien determinat minħabba li huwa abbużiv.

41 Peress li l-eżami tan-neċessità ta' miżuri intiżi li jissanzjonaw użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat jippreżupponi li jeżisti tali abbuż, għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok it-tielet domanda preliminari.

Fuq it-tielet domanda

42 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha hija prevista, f'dak li jirrigwarda r-reklutaġġ ta' riċerkaturi universitarji, il-konklużjoni ta' kuntratti għal żmien determinat għal perijodu ta' tliet snin, b'possibbiltà waħda ta' estensjoni, għal perijodu massimu ta' sentejn, filwaqt li tissuġġetta, minn naħa, il-konklużjoni

ta' tali kuntratti għall-kundizzjoni li riżorsi jkunu disponibbli "għall-ippjanar, bil-għan li titwettaq attività ta' riċerka, ta' tagħlim, ta' tagħlim mhux kurrikulari u ta' servizz lill-istudenti" u, min-naħa l-oħra, l-estensjoni ta' dawn il-kuntratti għall-"evalwazzjoni pożittiva tal-attivitajiet ta' tagħlim u ta' riċerka mwettqa", mingħajr, madankollu, ma tiddefinixxi l-kriterji oġġettivi u trasparenti li jagħmluha possibbli li jiġi vverifikat li l-konklużjoni u t-tiġdid ta' dawn il-kuntratti effettivament jissodisfaw ħtieġa reali, huma tali li jiksbu l-għan segwit u huma meħtieġa għal dan il-fini.

43 Din it-tielet domanda tirrigwarda għalhekk żewġ partijiet, waħda li tikkonċerna l-konklużjoni tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u l-oħra, l-estensjoni ta' dan il-kuntratt.

44 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 24(3) tal-Liġi Nru 240/2010 jipprevedi żewġ tipi ta' kuntratti għar-riċerkaturi universitarji, u b'hekk jissostitwixxi l-leġiżlazzjoni preċedenti li kienet tat lil dawn il-persuni pożizzjoni permanenti wara li jkunu għaddew minn perijodu inizjali ta' prova ta' tliet snin, jiġifieri, minn naħa, il-kuntratti tat-tip A u, min-naħa l-oħra, il-kuntratti msemmija fl-Artikolu 24(3)(b) tal-Liġi Nru 240/2010 (iktar 'il quddiem il-"kuntratt tat-tip B"). Dawn il-kuntratti tal-aħħar huma konklużi wkoll għal perijodu ta' tliet snin.

45 Għalkemm huwa minnu li l-proċedura ta' selezzjoni twassal, għaż-żewġ kategoriji ta' riċerkaturi universitarji, għall-konklużjoni ta' kuntratt għal żmien determinat, jiġifieri ta' tul ta' tliet snin, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li jeżistu, madankollu, differenzi bejn l-imsemmija tipi ta' kuntratti.

46 Fil-fatt, il-konklużjoni ta' kuntratt tat-tip A tiddependi mill-eżistenza ta' riżorsi disponibbli sabiex jitwettqu attivitajiet ta' riċerka, ta' tagħlim, ta' tagħlim supplimentari u ta' servizzi lill-istudenti. Kuntratt bħal dan jista' jiġi mtawwal darba biss għal perijodu ta' sentejn, wara evalwazzjoni pożittiva tal-attività xjentifika mwettqa mill-persuna kkonċernata. Min-naħa l-oħra, kuntratt tat-tip B ma jistax jiġi estiż, iżda r-riċerkatur ikkonċernat għandu l-possibbiltà, fi tmiem dan il-perijodu u skont ir-riżultat ta' evalwazzjoni xierqa, li jiġi propost pożizzjoni ta' professur assoċjat, peress li din il-pożizzjoni taqa' taħt kuntratt għal żmien indeterminat.

47 Il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-kuntratt ta' riċerkatur universitarju huma wkoll differenti. Għall-kuntratti tat-tip A, huwa biżżejjed li wieħed ikollu dottorat, kwalifika universitarja ekwivalenti jew diploma ta' speċjalizzazzjoni medika. Għall-kuntratti tat-tip B, huwa neċessarju li jkun ħadem bħala riċerkatur skont l-Artikolu 24(3)(a) tal-Liġi Nru 240/2010, li jkun kiseb l-awtorizzazzjoni bħala professur tal-ewwel jew tat-tieni klassi, li jkun temm perijodu ta' taħriġ mediku jew anki li jkun għadda minn tal-inqas tliet snin f'universitajiet differenti filwaqt li jkun ibbenefika minn sussidji ta' riċerka jew boroż ta' studju.

48 Għaldaqstant, il-fatt li ġie konklużż kuntratt tat-tip A jippermetti l-aċċess għal kuntratt tat-tip B. Riċerkatur universitarju jista' għalhekk ikompli l-karriera akkademika tiegħu, billi jgħaddi minn kuntratt tat-tip A għal kuntratt tat-tip B, li sussegwentement jagħtih il-possibbiltà li jinħatar professur assoċjat. Tali ħatra tiddependi, madankollu, mir-riżultat ta' evalwazzjoni xierqa u għalhekk ma hijiex awtomatika.

49 Minn dan jirriżulta li d-differenza essenzjali bejn iż-żewġ kategoriji ta' riċerkaturi universitarji issa previsti tinsab fil-fatt li r-riċerkaturi msemmija fl-Artikolu 24(3)(a) tal-Liġi Nru 240/2010 ma għandhomx aċċess dirett, fil-kuntest tal-karriera tagħhom, għall-pożizzjoni ta' professur assoċjat, filwaqt li dawk imsemmija fil-punt (b) ta' din id-dispożizzjoni għandhom aċċess dirett għaliha.

50 F'dan il-każ, EB ġie rreklutat bħala kandidat li għadda minn proċedura ta' selezzjoni organizzata skont l-Artikolu 24 tal-Liġi Nru 240/2010 u għalhekk wara evalwazzjoni pożittiva li tieħu inkunsiderazzjoni r-"riżorsi disponibbli għall-ippjanar, bil-għan li titwettaq attività ta' riċerka, ta' tagħlim, ta' tagħlim mhux kurrikulari u ta' servizz lill-istudenti", kif jeżiġi l-paragrafu 3(a) ta' dan l-artikolu.

51 Hemm lok li jitfakkar li, skont il-klawżola 1 tal-Ftehim qafas, l-għan tiegħu huwa, minn naħa, li jtejjeb il-kwalità tax-xogħol għal żmien determinat billi jiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u, min-naħa l-oħra, li jistabbilixxi qafas sabiex jiġi evitat l-abbuż li jirriżulta mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat.

52 Madankollu, mill-formulazzjoni tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas kif ukoll minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li din il-klawżola tapplika biss fil-preżenza ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi (sentenzi tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín, C-177/18, EU:C:2020:26, punt 70, kif ukoll tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata), b'tali mod li kuntratt li huwa l-ewwel jew l-uniku kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat ma jaqax taħt il-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li l-Ftehim qafas ma jimponix fuq l-Istati Membri l-obbligu li jadottaw miżura li teżiġi li kull l-ewwel jew uniku kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat ikun iġġustifikat minn raġuni oġġettiva (sentenza tat-3 ta' Lulju 2014, Fiamingo *et*, C-362/13, C-363/13 u C-407/13, EU:C:2014:2044, punt 57).

53 Għaldaqstant, il-konklużjoni ta' kuntratt għal żmien determinat, bħall-kuntratt tat-tip A, ma taqax, bħala tali, taħt il-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas u għalhekk ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

54 Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni hija applikabbli meta kuntratt tat-tip A jiġi estiż għal perijodu massimu ta' sentejn, kif previst fl-Artikolu 24(3)(a) tal-Liġi Nru 240/2010, peress li, f'dan il-każ, dawn huma żewġ kuntratti għal żmien determinat suċċessivi.

55 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-għan tal-klawżola 1(1) tal-Ftehim qafas huwa li jimplimenta wieħed mill-għanijiet imfittxija mill-imsemmi Ftehim, jiġifieri li jiġi rregolat l-użu suċċessiv ta' kuntratti jew relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat, meqjusa bħala sors potenzjali ta' abbuż għad-detriment tal-ħaddiema, billi jipprovdi numru ta' dispożizzjonijiet minimi ta' protezzjoni intiżi sabiex jiġi evitat li s-sitwazzjoni tal-impjegati ssir iktar prekarja (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 36 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

56 Għaldaqstant, il-punt 1 tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas jobbliga lill-Istati Membri, bil-għan ta' prevenzjoni tal-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet tax-xogħol suċċessivi għal żmien determinat, bl-adozzjoni effettiva u vinkolanti ta' mill-inqas waħda mill-miżuri li din il-klawżola telenka, fil-każ fejn id-dritt intern tagħhom ma jinkludix miżuri legali ekwivalenti. Il-miżuri hekk elenkati fil-punt 1(a) sa (ċ) ta' din il-klawżola, li huma tlieta, jirrigwardaw, rispettivament, raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat, it-tul massimu totali ta' dawn il-kuntratti jew ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' impjieg suċċessivi u n-numru ta' tiġdidiet tagħhom (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 54 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

57 L-Istati Membri għandhom, f'dan ir-rigward, marġni ta' diskrezzjoni, peress li għandhom l-għażla li jużaw waħda jew iktar mill-miżuri stabbiliti fil-punt 1(a) sa (ċ) tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas jew miżuri legali eżistenti ekwivalenti, u dan filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet ta' setturi speċifiċi u/jew ta' kategoriji ta' ħaddiema (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 55 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

58 B'hekk, il-punt 1 tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas jagħti lill-Istati Membri għan ġenerali, li jikkonsisti fil-prevenzjoni ta' tali abbuż, filwaqt li jħallilhom l-għażla tal-mezzi biex jilħqu dan l-għan, sa fejn huma ma jqegħdux inkwistjoni l-għan jew l-effettività tal-Ftehim qafas (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 56 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

59 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 24(3)(a) tal-Liġi Nru 240/2010 jistabbilixxi mhux biss limitu fir-rigward tat-tul massimu tal-kuntratt għal żmien determinat tar-riċerkaturi universitarji li jaqgħu taħt il-kategorija ta' EB, iżda wkoll fir-rigward tan-numru possibbli ta' tiġdidiet ta' dan il-kuntratt. B'mod iktar preċiż, fir-rigward tal-kuntratt tat-tip A, din il-liġi tiffissa t-tul massimu tal-kuntratt għal tliet snin u tawtorizza biss estensjoni waħda li hija limitata għal perijodu ta' sentejn.

60 Għaldaqstant, l-Artikolu 24(3) tal-Liġi Nru 240/2010 jinkludi tnejn mill-miżuri indikati fil-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas, jiġifieri l-limiti li jikkonċernaw it-tul massimu totali tal-kuntratti għal żmien determinat u n-numru ta' tiġdidiet possibbli. Il-qorti tar-rinviju ma semmietx elementi li jistgħu jissuġġerixxu li dawn il-miżuri ma humiex suffiċjenti sabiex jipprevjenu b'mod effikaċi l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat fir-rigward tal-kuntratti tat-tip A.

61 Huwa minnu li l-qorti tar-rinviju tosserva, filwaqt li tibbaża ruħha fuq is-sentenzi tal-14 ta' Settembru 2016, Martínez Andrés u Castrejana López (C-184/15 u C-197/15, EU:C:2016:680), kif ukoll tal-25 ta' Ottubru 2018, Sciotto (C-331/17, EU:C:2018:859), li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tinkludix kriterji oġġettivi u trasparenti li jippermettu, minn naħa, li jiġi ddeterminat jekk il-konklużjoni u l-estensjoni ta' kuntratti tat-tip A humiex iġġustifikati minn ħtiġijiet veri ta' natura provviżorja u, min-naħa l-oħra, jekk humiex tali li jissodisfaw dawk il-ħtiġijiet, u jekk humiex implimentati b'mod proporzjonat.

62 Madankollu, f'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li, kuntrarjament għaċ-ċirkustanzi fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi tal-14 ta' Settembru 2016, Martínez Andrés u Castrejana López (C-184/15 u C-197/15, EU:C:2016:680), kif ukoll tal-25 ta' Ottubru 2018, Sciotto (C-331/17, EU:C:2018:859), il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali tinkludi miżuri li jikkorrispondu għal dawk previsti fil-klawżola 5(1)(b) u (c) tal-Ftehim qafas.

63 Fil-fatt, f'dawk is-sentenzi, il-problema li tikkonsisti f'li jiġi stabbilit jekk it-tiġdid tal-kuntratti għal żmien determinat inkwistjoni f'dawk il-kawżi kienx iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi fis-sens tal-Klawżola 5(1)(a) tal-Ftehim qafas – fosthom in-neċessità li jiġu koperti bżonnijiet veri u provviżorji – qamet biss minħabba l-assenza ta' miżuri li jaqgħu taħt iż-żewġ kategoriji ta' miżuri ċċitati fil-punt 59 ta' din is-sentenza, li huma, min-naħa l-oħra, previsti fl-Artikolu 24(3)(a) tal-Liġi Nru 240/2010. Għaldaqstant, il-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma

tinkludix preċiżazzjonijiet dwar in-natura vera u provviżorja tal-bżonnijiet li għandhom jiġu ssodisfatti permezz tal-użu ta' kuntratti għal żmien determinat, invokat mill-qorti tar-rinviju, huwa irrilevanti.

64 Fit-tieni lok, għandu jiġi deċiż li, fl-imsemmija sentenzi, il-ħaddiema kkonċernati kienu kkonfrontati b'inċertezza kompleta fir-rigward tat-tul tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom. Min-naħa l-oħra, f'dan il-każ, il-persuni li jikkonkludu kuntratt tat-tip A, bħal dak konkluż bejn EB u l-Università, huma informati, qabel ma jiffirmaw il-kuntratt, li r-relazzjoni ta' xogħol ma tistax iddum iktar minn ħames snin.

65 Fir-rigward, għal ħaddiem, tal-benefiċċju tal-istabbiltà tal-impjieg, dan huwa, ċertament, kif jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-preambolu tal-Ftehim qafas, meqjus bħala element prinċipali tal-protezzjoni tal-ħaddiema, filwaqt li huwa biss f'ċerti ċirkustanzi li kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet kemm tal-persuni li jimpjegaw kif ukoll tal-ħaddiema (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku), C-760/18, EU:C:2021:113, punt 48 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

66 Issa, it-terminazzjoni tal-effetti ta' kuntratt ta' riċerkatur għal żmien determinat, bħal dak ta' EB, impjegat skont kuntratt ta' xogħol tat-tip A, ma jwassalx neċessarjament għal instabbiltà tal-impjieg, sa fejn dan jippermetti lill-ħaddiem ikkonċernat jikseb il-kwalifiki neċessarji sabiex jikseb kuntratt tat-tip B, li jista', min-naħa tiegħu, iwassal għal relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat bħala professur assoċjat.

67 Fit-tielet lok, għandu jiġi kkonstatat li l-fatt li l-universitajiet għandhom bżonn permanenti li jużaw riċerkaturi universitarji, kif jidher li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, ma jfissirx li dan il-bżonn ma jistax jiġi ssodisfatt bl-użu ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat.

68 Fil-fatt, il-pożizzjoni ta' riċerkatur tidher li hija l-ewwel stadju tal-karriera ta' xjenzat, peress li dan ir-riċerkatur ikun iddestinat, fi kwalunkwe każ, sabiex jimxi lejn pożizzjoni oħra, jiġifieri post ta' għalliem, bħala professur assoċjat inizjalment u bħala professur permanenti sussegwentement.

69 Barra minn hekk, fir-rigward tal-fatt li l-estensjoni ta' sentejn tal-kuntratti tat-tip A hija suġġetta għall-evalwazzjoni pożittiva tal-attivitajiet ta' tagħlim u ta' riċerka mwettqa, il-"bżonnijiet partikolari" tas-settur ikkonċernat jistgħu raġonevolment jikkonsistu, fir-rigward tal-qasam tar-riċerka xjentifika, fin-neċessità li jiġi żgurat l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi differenti skont il-merti rispettivi tagħhom, li għandhom konsegwentement jiġu evalwati. Għaldaqstant, dispożizzjoni li tobbliga lil università tikkonkludi kuntratt għal żmien indeterminat ma' riċerkatur, indipendentement mill-evalwazzjoni tar-riżultati tal-attivitajiet xjentifiċi tiegħu, ma tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija iktar 'il fuq.

70 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-prinċipju ta' ekwivalenza, invokat diversi drabi mill-qorti tar-rinviju fid-deċiżjoni tagħha kif ukoll minn EB stess, dan jirreferi għan-neċessità li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni li ma tkunx inqas favorevoli minn dik prevista għad-drittijiet paragunabbli li joriġinaw biss mid-dritt nazzjonali. Għaldaqstant, dan il-prinċipju ma japplikax f'dan il-każ, peress li din in-neċessità tirrigwarda biss dispożizzjonijiet li għandhom bħala suġġett drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, Santoro, C-494/16, EU:C:2018:166, punti 39 u 40).

71 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li r-risposta għat-tielet domanda tkun li l-klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha huwa previst, fir-rigward tar-reklutaġġ ta' riċerkaturi universitarji, li jiġi konkluż kuntratt għal żmien determinat, għal perijodu ta' tliet snin, b'possibbiltà waħda ta' estensjoni, għal perijodu massimu ta' sentejn, filwaqt li tissuġġetta, minn naħa, il-konklużjoni ta' tali kuntratti, għall-kundizzjoni li r-riżorsi jkunu disponibbli "għall-ippjanar, bil-għan li titwettaq attività ta' riċerka, ta' tagħlim, ta' tagħlim mhux kurrikulari u ta' servizz lill-istudenti", u, min-naħa l-oħra, l-estensjoni ta' dawn il-kuntratti għall-"evalwazzjoni pożittiva tal-attivitajiet ta' tagħlim u ta' riċerka mwettqa", mingħajr ma jkun meħtieġ għal din il-leġiżlazzjoni li tiddefinixxi l-kriterji oġġettivi u trasparenti li jagħmluha possibbli li jiġi vverifikat li l-konklużjoni u t-tiġdid ta' dawn il-kuntratti effettivament jissodisfaw ħtieġa reali, u huma tali li jilħqu l-għan segwit u huma meħtieġa għal dan il-fini.

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda

72 Kif issemma fil-punt 40 ta' din is-sentenza, l-ewwel u t-tieni domanda jirreferu għall-miżuri intiżi li jissanzjonaw l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat.

73 Kif jirriżulta mir-risposta mogħtija għat-tielet domanda, peress li l-klawżola 5 tal-Ftehim qafas ma tipprekludix il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali u peress li din ma tagħtix lok għal riskju ta' użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat, ma huwiex neċessarju li tingħata risposta għall-ewwel u t-tieni domanda.

Fuq l-ispejjeż

74 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas fuq ix-xogħol għal żmien determinat, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-anness għad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha huwa previst, fir-rigward tar-reklutaġġ ta' riċerkaturi universitarji, li jiġi konkluż kuntratt għal żmien determinat, għal perijodu ta' tliet snin, b'possibbiltà waħda ta' estensjoni, għal perijodu massimu ta' sentejn, hija u tissuġġetta, minn naħa, il-konklużjoni ta' tali kuntratti, għall-kundizzjoni li r-riżorsi jkunu disponibbli "għall-ippjanar, bil-għan li titwettaq attività ta' riċerka, ta' tagħlim, ta' tagħlim mhux kurrikulari u ta' servizz lill-istudenti", u, min-naħa l-oħra, l-estensjoni ta' dawn il-kuntratti għall-"evalwazzjoni pożittiva tal-attivitajiet ta' tagħlim u ta' riċerka mwettqa", mingħajr ma jkun meħtieġ għal din il-leġiżlazzjoni li tiddefinixxi l-kriterji oġġettivi u trasparenti li jagħmluha possibbli li jiġi vverifikat li l-konklużjoni u t-tiġdid ta' dawn il-kuntratti effettivament jissodisfaw ħtieġa reali, huma tali li jilħqu l-għan segwit u huma meħtieġa għal dan il-fini.

Firem